A.L. 103 ta' l-1989

ORDINANZA DWAR IL-PROFESSJONI MEDIKA U L-PROFESSJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAGĦHA (KAP. 31)

Regolamenti ta' l-1989 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 40A ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, il-Ministru tal-Politika Soċjali, bil-parir tal-Kunsill tas-Saħħa, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

A.L. 22 ta' l-1985.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1989 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1985 dwar il-Kontroll tal-Mediċini, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

Jemenda it-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. It-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:—

(a) minnufih wara l-partita "BENZPHETAMINE" għandha tidħol din il-partita li ġejja:

Isem internazzjonali jew isem ieħor kif komunement magħruf	*Isem Kimiku*	
"BUPRENORHINE	21-cyclopropyl-7-alpha-[(S)-l-hydroxy-1,2,2-trimethylpropyl] -6,14-*endo*ethano-6,7,8,14-tetrahydrooripavine";	u

(b) minnufih wara l-partita "PARALDEHYDE" għandha tidħol din il-partita li ġejja:

Isem internazzjonali jew isem ieħor kif komunement magħruf	*Isem Kimiku*
"PEMOLINE	2-amino-5-pheny1-2-oxazolin-4-one *jew* 2-imino-5-phenyl-4-oxazolidinone".